

- 3) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru jista' jeskludi kompletament l-art bil-pit mill-ħlasijiet taħt Natura 2000 u li tali dispożizzjonijiet nazzjonali huma kompatibbli mal-għan kompensatorju ta' tali ħlasijiet previst mir-Regolament Nru 1305/2013?
- 4) L-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru jista' jillimita l-ħlasijiet tal-għajnuna għaż-żoni tan-network Natura 2000 billi jipprovdi għajnuna biss għal-limitazzjoni imposta għal tip speċifiku ta' attività ekonomika, bħal, pereżempju, fiż-żoni forestali, biss għall-attivitàjiet forestali?
- 5) L-Artikolu 30(1) tar-Regolament Nru 1305/2013, moqri flimkien mal-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna għandha d-dritt, meta jkollha proġetti għal attività ekonomika ġdida, għal ħlas taħt Natura 2000 jekk, fil-mument meta tkun akkwistat il-proprjetà, diġà kienet taf bil-limiti li kienet suġġetta għalihom l-imsemmija proprjetà?

(<sup>1</sup>) ĠU 2013, L 347, p. 487, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Latvja) fil-5 ta' Ġunju 2020 –  
SIA Sātiņi-S vs Dabas aizsardzības pārvalde**

**(Kawża C-238/20)**

(2020/C 262/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

**Qorti tar-rinviju**

Augstākā tiesa (Senāts)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: SIA Sātiņi-S

Parti oħra fil-proċedura: Dabas aizsardzības pārvalde

**Domandi preliminari**

- 1) Id-dritt għal kumpens ġust minħabba limitazzjoni tad-dritt għall-proprjetà ggarantit mill-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jippermetti li l-kumpens mogħti minn Stat Membru għat-telf ikkawżat għall-akwakultura f'żona tan-network Natura 2000 għal għasafar protetti konformement mad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (<sup>1</sup>) jkun sinjifikattivament inqas mit-telf realment imġarrab?
- 2) Il-kumpens mogħti minn Stat Membru għat-telf ikkawżat għall-akwakultura f'żona tan-network Natura 2000 għal għasafar protetti konformement mad-Direttiva 2009/147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikoli 107 u 108 TFUE?
- 3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, il-limitu ta' EUR 30 000 tal-għajnuna *de minimis* stabbilit fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (<sup>2</sup>) huwa applikabbli għal kumpens bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali?

(<sup>1</sup>) ĠU 2010, L 20, p. 7.

(<sup>2</sup>) ĠU 2014, L 190, p. 45.